SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

24 ta' Marzu 2011 *

Fil-Kawża C-552/09 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fit-23 ta' Diċembru 2009,

Ferrero SpA, stabbilita f'Alba (l-Italja), irrappreżentata minn C. Gielen, avukat,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), irrappreżentat minn D. Botis, bħala aġent,

konvenut fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Tirol Milch reg. Gen.mbH Innsbruck,

parti fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn A. Borg Barthet (Relatur), li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Ħames Awla, M. Ilešič u E. Levits, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-30 ta' Novembru 2010,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Ferrero SpA (iktar 'il quddiem "Ferrero") titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tal-14 ta' Ottubru 2009, Ferrero vs UASI — Tirol Milch (TiMi KiNDERJOGHURT) (T-140/08, Ġabra p. II-3941, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha mressaq kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-30 ta' Jannar 2008 (Kawża R 682/2007-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Ferrero u Tirol Milch reg. Gen.mbH Innsbruck (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-kuntest ġuridiku

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p.146) ġie mħassar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU L 78, p. 1), li daħal fis-seħħ fit-13 ta' April 2009. Madankollu, fid-dawl tad-data tal-fatti tal-kawża, din il-kawża tibqa' rregolata bir-Regolament Nru 40/94.

3 Skont is-seba' premessa tar-Regolament Nru 40/94:

"Billi l-protezzjoni mogħtija minn trade mark Komunitarja, li għandha l-funzjoni partikolari li tiggarantixxi t-trade mark bħala indikazzjoni ta' oriġini, hija assoluta f'każ ta' identiċità bejn il-marka u s-sinjal u l-prodotti jew is-servizzi; billi din

il-protezzjoni tapplika wkoll f'każijiet ta' xebħ bejn il-marka u s-sinjal u l-prodotti jew is-servizzi; billi l-kunċett ta' xebħ għandu jingħata interpretazzjoni marbuta mal-possibiltà ta' konfużjoni; billi l-possibilta' ta' konfużjoni, li l-apprezzament tagħha tiddependi fuq ħafna elementi u, b'mod partikolari, fuq l-għarfien tat-trade mark fuq is-suq, l-assoċjazzjoni li tista ssir bejn is-sinjal użat u dak registrat, il-livell ta' xebħ bejn it-trade mark u s-sinjal u bejn il-prodotti jew is-servizzi identifikati, tikkostitwixxi l-kundizzjoni speċifika għal tali protezzjoni".

4 L-Artikolu 8(1) tal-istess regolament kien jipprovdi:

"Jekk issir opposizzjoni minn proprjetarju ta' trade mark preċedenti, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark m'għandhiex tiġi milqugħa:

[…]

b) jekk minħabba identiċità jew xebħ bejn iż-żewġ trade marks u l-identiċità jew xebħ tal-prodotti jew servizzi koperti mit-trade marks teżisti probabilta' ta' konfużjoni minn naħa tal-publiku fit-territorju fejn it-trade mark preċedenti hija protetta; il-probabiltà ta' konfużjoni tinkludi wkoll il-probabiltà li ssir assoċjazzjoni mat-trade mark preċedenti."

5 L-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94 kien jipprovdi:

"Barra minn hekk, malli ssir opposizzjoni minn proprjetarju ta' trade mark preċedenti skond it-tifsira tal-paragrafu 2, it-trade mark li għaliha tkun saret applikazzjoni m'għandhiex tiġi reġistrata jekk din tkun identika jew jekk tkun tixbah trade mark

preċedenti, u għandha tiġi reġistrata għal prodotti jew servizzi li ma jixbħux lil dawk li għalihom tkun reġistrata it-trademark preċedenti, meta f'każ ta' trade mark Komunitarja preċedenti it-trade mark għandha reputazzjoni fil-Komunità u, f'każ ta' trade mark nazzjonali preċedenti, it-trade mark għandha reputazzjoni fl-Istat Membru konċernat, u dana meta l-użu mingħajr dritt tat-trade mark li għaliha tkun saret applikazzjoni ikun jieħu vantaġġ inġust, jew ikun ta' ħsara għall-karattru distintiv jew għar-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti."

6 L-Artikolu 49(1) u (2) tal-istess regolament kien jipprovdi:

"1. Trade mark Komunitarja tista' tiġi ċeduta fir-rigward ta' xi wħud mill-prodotti jew servizzi li għalihom tkun reġistrata jew fir-rigward ta' kollha.

2. Iċ-ċessjoni għandha tiġi iddikjarata lill-Uffiċċju bil-miktub mill-proprjetarju tat-trade mark. M'għandhiex ikollha effett qabel ma tiddaħħal fir-Reġistru."

7 L-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 40/94, intitolat "Raġunijiet relattivi ta' invalidità", kien jiddisponi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"It-trade mark Komunitarja għandha tiġi dikjarata bħala invalida wara applikazzjoni lill-Uffiċċju jew fuq il-bażi ta' kontrotalba fi proċedimenti ta' vjolazzjoni:

a) meta jkun hemm trademark preċedenti kif msemmi fl-Artikolu 8(2) u l-kundizzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 5 ta' dak l-Artikolu jkunu sodisfatti;

[…]"

8 L-Artikolu 54(2) tal-istess regolament kien jipprovdi:

"It-trade mark Komunitarja għandha titqies li ma kellhiex, sa mill-bidu, l-effetti speċifikati minn dan ir-Regolament, sa fejn it-trade mark tkun ġiet iddikjarata invalida."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

9 Fit-8 ta' April 1998, Tirol Milch reg. Gen.mbH Innsbruck (iktar 'il quddiem "Tirol Milch", stabbilita f'Innsbruck (l-Awstrija), ippreżentat quddiem l-UASI applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, bħala trade mark Komunitarja, tas-sinjal figurattiv segwenti:



10 Il-prodotti li għalihom saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jaqgħu taħt il-klassi 29 skont il-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Nice"), u jikkorrispondu għad-deskrizzjoni segwenti:

"Jogurt, jogurt tal-frott, xorb magħmul mill-jogurt, xorb magħmul mill-jogurt li jikkontjeni frott; platti ppreparati u parzjalment ippreparati prinċipalment abbażi ta' jogurt jew ta' prodotti magħmula mill-jogurt; kremi magħmula mill-jogurt".

11 Fl-14 ta' Jannar 1999, Ferrero ippreżentat oppożizzjoni kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark li saret applikazzjoni għaliha għall-prodotti kollha koperti minn din it-trade mark billi bbażat ruħha fuq trade mark verbali preċedenti tagħha KINDER, li ilha rreġistrata fl-Italja mit-28 ta' Jannar 1965 bin-numru 168843 u, wara tiġdid, bin-numru 684985, għal prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 30 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice u li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni segwenti:

"Kafè, tè, zokkor, ross, tapjoka, sagu, preparazzjonijiet li jissostitwixxu l-kafè, ħobż, gallettini, kejkijiet, għaġina għall-kejkijiet u ħlewwiet, ġelati li jittieklu, għasel, għasel iswed, ħmira u trab tal-ħami, melħ, mustarda, bżar, ħall, zlazi, ħwawar, silġ li jittiekel; kawkaw, prodotti tal-kawkaw, jiġifieri pejst tal-kawkaw għal xarbiet tal-kawkaw, pejst taċ-ċikkulata; saffi, b'mod partikolari saffi taċ-ċikkulata, ċikkulata, pralines, dekorazzjonijiet taċ-ċikkulata għas-siġar tal-Milied, prodotti magħmula miċ-ċikkulata mimlija bl-alkoħol, ħelu, ħlewwiet, inkluż għaġina iebsa u ratba għall-kejkijiet".

12 Permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Settembru 2000, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-UASI ċaħdet l-oppożizzjoni fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 40/94.

13 Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata fit-3 ta' Novembru 2003 mir-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI.

14 It-trade mark TiMi KiNDERJOGHURT ġiet irreġistrata fl-20 ta' Awwissu 2004 u ġiet ippubblikata fil-Bulettin tat-trade marks Komunitarji tal-11 ta' Ottubru 2004.

15 Fid-19 ta' Awwissu 2005, Ferrero ppreżentat quddiem l-UASI, talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità, skont l-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament Nru 40/94, tar-reġistrazzjoni ta' din it-trade mark Komunitarja. Din it-talba tressqet fir-rigward tal-prodotti kollha koperti minn din it-trade mark Komunitarja.

16 Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Marzu 2007, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-UASI ddikjarat l-invalidità tat-trade mark Komunitarja TiMi KiNDERJOGHURT skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94.

17 Fl-4 ta' Mejju 2007, Tirol Milch ressqet appell quddiem l-UASI bbażat fuq l-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 40/94, kontra l-imsemmija deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni.

18 Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, it-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u ċaħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità.

19 Il-Bord tal-Appell essenzjalment ikkunsidra li, l-ewwel nett, għalkemm id-deċiżjonijiet ta' oppożizzjoni ma għandhomx is-saħħa ta' *res judicata*, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni

xorta waħda kienet marbuta mill-konstatazzjonijiet u l-konklużjonijiet fuq il-mertu tad-deċiżjonijiet preċedenti tal-UASI skont ir-regola *nemo potest venire contra factum proprium*, jiġifieri li l-amministrazzjoni hija marbuta li tosserva l-atti tagħha stess, b'mod partikolari meta dawn l-atti ppermettew lill-partijiet fil-proċeduri jiksbu b'mod leġittimu drittijiet fuq trade mark irreġistrata. Imbagħad, il-Bord tal-Appell ikkonferma l-konstatazzjonijiet tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell, tat-3 ta' Novembru 2003, fis-sens li t-trade marks kienu kompletament differenti, fid-dawl tad-differenzi kbar bejniethom fuq livell viżiv u fonetiku. Fl-aħħar nett, hija ċaħdet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità peress li kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94, jiġifieri l-identiċità jew ix-xebh tas-sinjali, ma ġietx sodisfatta.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

20 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-14 ta' April 2008, Ferrero talbet l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u l-kundanna tal-UASI għall-ispejjeż.

21 Insostenn tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti invokat żewġ motivi bbażati, fl-ewwel lok, fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju tar-*res judicata* u, fit-tieni lok, fuq il-ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94.

22 Fir-rigward tal-ewwel motiv, il-Qorti Ġenerali osservat, fil-punt 32 tas-sentenza appellata, li l-Bord tal-Appell wettaq eżami awtonomu u komplet tal-mertu tal-kawża u, b'mod partikolari, tax-xebh tas-sinjali inkwistjoni, b'mod li, minkejja

l-konstatazzjonijiet li saru fil-punt 30 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell ma applikax il-prinċipju tar-*res judicata*. Minn dan, il-Qorti ddeduċiet, fil-punt 33 tal-imsemmija sentenza, li l-ewwel motiv kien ibbażat fuq premessa żbaljata u kellu, minħabba dan il-fatt, jiġi miċħud.

23 Madankollu l-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 36 tas-sentenza appellata, li l-Bord tal-Appell kellu żball meta kkunsidra li, fil-kuntest ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità, id-dipartimenti tal-UASI kienu marbuta bil-konstatazzjonijiet li saru fid-deċiżjoni finali mogħtija fil-kuntest tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni, skont ir-regola *nemo potest venire contra factum proprium*, il-protezzjoni tad-drittijiet miksuba, kif ukoll il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

24 Fir-rigward tat-tieni motiv invokat minn Ferrero insostenn tar-rikors tagħha, il-Qorti Ġenerali qabelxejn osservat, fil-punt 53 tas-sentenza appellata, li l-eżistenza ta' xebh bejn it-trade mark preċedenti u t-trade mark ikkontestata tikkostitwixxi kundizzjoni ta' applikazzjoni komuni għall-Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94, li għalihom jirreferi l-Artikolu 52(1)(a) tal-istess regolament, u li dan jeħtieġ l-eżistenza, b'mod partikolari, tal-elementi ta' xebh viżiv, fonetiku u kunċettwali.

25 Fil-punt 54 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali mbagħad irreferiet għall-ġurisprudenza li turi li sabiex tiġi sodisfatta l-kundizzjoni dwar ix-xebh skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94, ma huwiex neċessarju li jintwera li teżisti, f'moħħ il-pubbliku kkonċernat, probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark preċedenti li tgawdi minn reputazzjoni u t-trade mark ikkontestata, iżda huwa suffiċjenti li l-livell ta' xebh bejn dawn it-trade marks ikollu l-effett li l-pubbliku kkonċernat jistabbilixxi rabta bejniethom. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-eżistenza ta' rabta bħal din għandha tkun evalwata b'mod ġenerali, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi kollha rilevanti tal-każ inkwistjoni u li l-paragun tas-sinjali għandu, għal dak li jirrigwarda x-xebh viżiv, fonetiku jew kunċettwali tat-trade marks inkwistjoni, ikun ibbażat fuq l-impressjoni ġenerali mogħtija mit-trade marks, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-elementi distintivi u dominanti tal-imsemmija trade marks.

26 Madankollu, l-imsemmija qorti kkunsidrat, fil-punti 55 sa 59 tas-sentenza appellata, li, minkejja l-fatt li l-element "kinder" huwa preżenti fiż-żewġ sinjali inkwistjoni, diversi karatteristiċi viżivi u fonetiċi jeskludu li s-sinjali jiġu pperċepiti bħala simili f'dan il-każ.

27 Fil-punt 61 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fir-rigward tal-argument ta' Ferrero bbażat fuq ir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti u l-argument ibbażat fuq xebh eżistenti bejn il-prodotti tat-trade marks kunfliġġenti, li, anki jekk l-imsemmija elementi setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni ta' probabbiltà ta' konfużjoni, xorta jibqa' l-fatt li dawn ma għandhom l-ebda effett fuq l-evalwazzjoni tax-xebh eżistenti bejn is-sinjali. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 62 tal-imsemmija sentenza, li n-nuqqas ta' xebh bejn is-sinjali inkwistjoni tant kien evidenti li r-reputazzjoni tat-trade mark KINDER, indipendentement mill-fatt jekk din kinitx inkontestata jew le, ma kinitx f'pożizzjoni li tqiegħed f'dubju dan in-nuqqas ta' xebh.

28 Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 63 tas-sentenza appellata, li l-eżistenza ta' grupp jew ta' serje ta' trade marks ma kinitx rilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk hijiex sodisfatta jew le l-kundizzjoni ta' applikazzjoni komuni għall-Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94, jiġifieri l-eżistenza ta' xebh bejn it-trade mark preċedenti u t-trade mark ikkontestata. Barra minn hekk, l-imsemmija qorti kkonstatat, fil-punt 64 tal-imsemmija sentenza, li, anki jekk wieħed iqis li l-eżistenza ta' grupp jew serje ta' trade marks hija fattur rilevanti fl-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' xebh bħal dan, il-probabbiltà li l-konsumaturi jistgħu effettivament jikkunsidraw fil-każ preżenti li t-trade mark ikkontestata tagħmel parti minn dan il-grupp jew serje ta' trade marks hija remota ħafna, jekk mhux ineżistenti, minħabba d-differenzi kbar li jeżistu bejn it-trade mark ikkontestata u s-sinjali elenkati fil-punt 5 tar-rikors, li kollha jinkludu l-element "kinder" kif ukoll element supplimentari u/jew elementi figurattivi.

29 Fir-rigward tal-argument li l-Bord tal-Appell ma kkunsidrax il-fatt li, skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94, l-evalwazzjoni tal-livell ta' xebh ma

teħtieġx l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 67 tas-sentenza appellata, li l-argumenti invokati mill-Bord tal-Appell indikaw in-nuqqas ta' xebh indipendentement mill-kapaċità eventwali tal-livell ta' xebh li joħloq probabbiltà ta' konfużjoni.

30 Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 68 tas-sentenza appellata, li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball meta għamel "eżami analitiku" tat-trade mark ikkontestata. Fil-fatt, l-imsemmija qorti kkunsidrat li, jekk għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-livell ta' xebh, l-impressjoni globali prodotta mill-elementi kollha flimkien li jikkostitwixxu dawn it-trade marks, dan xorta waħda ma huwiex inkompatibbli ma' eżami suċċessiv ta' dawn l-elementi. Il-Qorti Ġenerali osservat ukoll li, fil-każ preżenti, wara li kkonstata li d-differenzi bejn is-sinjali inkwistjoni jikkontrobilanċjaw l-uniku element ta' xebh, il-Bord tal-Appell enfasizza li, meta ġew ipparagunati b'mod ġenerali, l-impressjonijiet ġenerali li dawn is-sinjali taw kienu differenti, b'mod li, l-imsemmi "eżami analitiku" ma sarx bi ħsara għat-teħid inkunsiderazzjoni tal-impressjoni ġenerali prodotta mill-elementi flimkien li jikkostitwixxu t-trade marks kunfliġġenti.

31 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala infondat it-tieni motiv invokat minn Ferrero insostenn tar-rikors tagħha u, għaldaqstant, ċaħdet ir-rikors.

It-talbiet tal-partijiet

32 Permezz tal-appell tagħha, Ferrero titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tilqa' r-rikors tagħha li għandu l-għan li jannulla d-deċiżjoni kkontestata jew, sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi mill-ġdid, u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż sostnuti minnha kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fil-proċedura tal-appell.

33 L-UASI jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tieħu inkunsiderazzjoni r-rinunzja ta' Tirol Milch għat-trade mark Komunitarja kkontestata u, fl-eventwalità fejn l-appellanti taċċetta li twaqqaf il-proċedura jew ma tipprovax li hija għandha interess ġuridiku li tkompli bil-proċedura, tiddikjara l-appell bħala li ma għandux suġġett u tikkonstata li ma hemmx lok li tingħata sentenza u li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha;

— jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-appellanti għandha interess li tipproċedi bil-proċedura, tawtorizza lill-UASI li jippreżenta argumenti u sottomissjonijiet ġodda fir-rigward tal-appell, u

— sussidjarjament, tiċħad mill-ewwel l-appell fl-intier tiegħu bħala inammissibbli, jew bħala manifestament infondat, u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż sostnuti minnu.

Fuq l-appell

Fuq l-interess ġuridiku tal-appellanti

L-argumenti tal-partijiet

34 Fir-risposta tiegħu, l-UASI indika li, permezz ta' ittra tal-15 ta' Frar 2010, Tirol Milch informatu bir-rieda tagħha li ċċedi t-trade mark Komunitarja kkontestata fl-intier tagħha, skont l-Artikolu 49 tar-Regolament Nru 40/94.

35 Permezz ta' ittra tal-15 ta' Marzu 2010, l-UASI kkonferma lil Tirol Milch li r-rinunzja tagħha ġiet aċċettata u li t-trade mark li għaliha kisbet ir-reġistrazzjoni tneħħiet mir-reġistru tat-trade marks Komunitarji. Permezz ta' posta, bid-data tal-għada, l-UASI informa lil Ferrero b'din it-tneħħija.

36 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-UASI jsostni li l-appellanti issa ma għandha l-ebda interess li tikseb l-annullament tas-sentenza appellata, b'tali mod li ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq l-appell preżenti u li l-proċedura għandha tiġi ddikjarata li ma għandhiex suġġett.

37 Waqt is-seduta, Ferrero xorta waħda sostniet li d-deċiżjoni kkontestata u s-sentenza appellata ħolqu effetti legali sfavorevoli għaliha.

38 Barra minn hekk, Ferrero ssostni li, minkejja li Tirol Milch ċediet it-trade mark ikkontestata, hija żżomm interess li tikseb l-annullament kemm tas-sentenza appellata kif ukoll tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn id-dikjarazzjoni ta' invalidità, b'mod differenti mir-rinunzja, toħloq effetti sa mid-data li fiha ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' din it-trade mark.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

39 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li l-interess ġuridiku jikkostitwixxi kundizzjoni ta' ammissibbiltà li għandha tibqa' teżisti sakemm il-qorti tiddeċiedi l-mertu. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali interess jeżisti sakemm l-appell jista', permezz tal-eżitu tiegħu, ikun ta' benefiċċju għall-parti li tkun ressqitu (sentenza tal-14 ta' Settembru 2010, Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni, C-550/07 P, Ġabra p. I-8301, punti 22 u 23).

40 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat, l-ewwel nett, li, permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' Ferrero intiż sabiex jannulla d-deċiżjoni kkontestata, li permezz tagħha, il-Bord tal-Appell tal-UASI kien ċaħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa minn din il-kumpannija kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja TiMi KiNDERJOGHURT.

41 Issa, f'dan il-każ, jekk l-aggravju invokat minn Ferrero insostenn tal-appell tagħha kien fondat, dan jista' jwassal għall-annullament tas-sentenza appellata, jew, fejn applikabbli, tad-deċiżjoni kkontestata u, għaldaqstant, tad-deċiżjoni tal-20 ta' Awwissu 2004 li wasslet għar-reġistrazzjoni tal-imsemmija trade mark.

42 It-tieni nett, kuntrarjament għal dak li jsostni l-UASI, il-fatt li Tirol Milch ċediet it-trade mark Komunitarja TiMi KiNDERJOGHURT ma jċaħħadx, fih innifsu, minn kull suġġett l-appell imressaq minn Ferrero.

43 Fil-fatt, din tal-aħħar iżżomm interess li tappella kontra s-sentenza appellata sa fejn, kif sostniet waqt is-seduta, l-effetti tar-rinunzja u dawk ta' dikjarazzjoni ta' invalidità ma humiex l-istess. Għaldaqstant, filwaqt li t-trade mark Komunitarja li tagħha saret ir-rinunzja tieqaf tagħti l-effetti tagħha sa mir-reġistrazzjoni ta' din ir-rinunzja, trade mark Komunitarja ddikjarata bħala invalida titqies bħala li ma kellha l-ebda effet sa mill-bidu, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament Nru 40/94, bil-konsegwenzi legali kollha li tali invalidità ġġib magħha.

44 Għaldaqstant, sakemm l-appell preżenti jista' jagħti benefiċċju lil Ferrero, din iżżomm interess ġuridiku.

Fuq il-mertu

45 Insostenn tal-appell tagħha, Ferrero tinvoka aggravju wieħed ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 40/94. Dan l-aggravju jinqasam f'ħames partijiet ibbażati, rispettivament:

— l-ewwel, fuq ksur tas-sistema stabbilita bl-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 40/94;

— it-tieni, fuq nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni xieraq ta' elementi oħra minbarra x-xebh, b'mod partikolari r-reputazzjoni;

— it-tielet, fuq il-formulazzjoni ta' regoli tal-provi żbaljati u infondati;

— ir-raba', fuq in-nuqqas ta' għarfien tal-fatt li t-trade marks preċedenti huma parzjalment trade marks verbali, filwaqt li t-trade mark ikkontestata hija trade mark figurattiva, u

— il-ħames, fuq nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni xieraq tal-eżistenza ta' grupp ta' trade marks.

Fuq l-ewwel parti tal-aggravju uniku

— L-argumenti tal-partijiet

46 Permezz ta' din l-ewwel parti tal-aggravju uniku, Ferrero tallega li l-Qorti Ġenerali kisret is-sistema stabbilita mill-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 40/94 meta wettqet evalwazzjoni fattwali waħda tax-xebh skont il-paragrafi 1(b) u 5 tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 40/94, filwaqt li dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet distinti jeħtieġu applikazzjoni ta' settijiet ta' kriterji totalment differenti.

47 Skont Ferrero, mill-ġurisprudenza joħroġ li, fil-kuntest ta' kull waħda mill-imsemmija dispożizzjonijiet, ix-xebh għandu jkun evalwat b'mod interdipendenti flimkien ma' numru ta' elementi oħra li jvarjaw skont id-dispożizzjoni kkonċernata.

48 Jirriżulta b'mod partikolari mis-sentenza tas-27 ta' Novembru 2008, Intel Corporation (C-252/07, Ġabra p. I-8823) li, skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, sabiex jiġi evalwat ix-xebh, ir-reputazzjoni kif ukoll l-elementi distintivi u dominanti tas-sinjal inkwistjoni.

49 Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 8(1)(b) tal-imsemmi regolament, it-teħid inkunsiderazzjoni tar-reputazzjoni u tal-karattru distintiv huwa rilevanti għall-iskop tal-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni.

50 L-UASI jsostni li din l-ewwel parti tal-aggravju uniku hija manifestament infondata. Huwa jsostni li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, skont iż-żewġ dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt 46 tas-sentenza preżenti, ix-xebh għandu jkun evalwat fid-dawl tal-elementi ta' xebh viżiv, ta' smigħ u kunċettwali bejn is-sinjali (sentenza tat-23 ta' Ottubru 2003, Adidas-Salomon u Adidas Benelux, C-408/01, Ġabra p. I-12537, punt 28). Skont l-UASI, jekk dan l-eżami juri li, globalment, is-sinjali ma jixtibhux, din il-konstatazzjoni hija valida kemm fil-kuntest tal-paragrafu 1(b) kif ukoll tal-paragrafu 5 tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 40/94.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

51 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar, kif għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punt 53 tas-sentenza appellata, li l-eżistenza ta' xebh bejn it-trade mark preċedenti u t-trade mark ikkontestata tikkostitwixxi kundizzjoni ta' applikazzjoni komuni għall-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 40/94.

52 Din il-kundizzjoni ta' xebh bejn it-trade mark u s-sinjal timplika, kemm fil-kuntest tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 kif ukoll f'dak tal-paragrafu 5 tal-istess artikolu, l-eżistenza, b'mod partikolari, ta' elementi ta' xebh viżiv, ta' smigħ jew kunċettwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Adidas-Salomon u Adidas Benelux, iċċitata iktar 'il fuq, punt 28).

53 Ċertament, il-livell ta' xebh meħtieġ fil-kuntest ta' waħda jew oħra mid-dispożizzjonijiet huwa differenti. Fil-fatt, filwaqt li l-implementazzjoni tal-protezzjoni stabbilita bl-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 hija suġġetta għall-konstatazzjoni ta' livell ta' xebh bejn it-trade marks kunfliġġenti tali li jkun hemm, f'moħħ il-pubbliku kkonċernat, probabbiltà ta' konfużjoni bejniethom, l-eżistenza ta' tali probabbiltà ma hijiex meħtieġa għall-protezzjoni mogħtija mill-paragrafu 5 tal-istess artikolu. Għaldaqstant, il-ksur imsemmija fil-paragrafu 5 jistgħu jkunu l-konsegwenza ta' livell iktar baxx ta' xebh bejn it-trade marks preċedenti u sussegwenti, sakemm dan ikun biżżejjed sabiex il-pubbliku kkonċernat jagħmel tqabbil bejn l-imsemmija trade marks, jiġifieri jistabbilixxi rabta bejniethom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Adidas-Salomon u Adidas Benelux, iċċitata iktar 'il fuq, punti 27, 29 u 31, kif ukoll Intel Corporation, iċċitata iktar 'il fuq, punti 57, 58 u 66).

54 Min-naħa l-oħra, la mill-kliem tal-imsemmija dispożizzjonijiet u lanqas mill-ġurisprudenza ma jirriżulta li x-xebh bejn it-trade marks kunfliġġenti għandhom jiġu evalwati b'mod differenti skont jekk l-evalwazzjoni ssirx abbażi ta' waħda jew l-oħra minn dawn id-dispożizzjonijiet.

55 Fir-rigward tal-argument ta' Ferrero bbażat fuq is-sentenza Intel Corporation, iċċitata iktar 'il fuq, għandu jiġi kkonstatat li dan huwa bbażat fuq qari żbaljat tal-imsemmija sentenza.

56 Fl-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha li tistipula li l-eżistenza ta' rabta bejn it-trade marks kunfliġġenti għandha, bħall-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, tiġi evalwata b'mod globali billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha għal dan il-każ, li jinkludu mhux biss il-livell ta' xebh bejn it-trade marks kunfliġġenti, iżda wkoll il-livell ta' karattru distintiv u l-intensità tar-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti (ara s-sentenza Intel Corporation, iċċitata iktar 'il fuq, punti 41 u 42 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

57 Fir-rigward b'mod partikolari ta' dan l-aħħar fattur, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' rabta bejn it-trade marks kunfliġġenti, jista' jkun neċessarju li tittieħed inkunsiderazzjoni l-intensità tar-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti, sabiex jiġi stabbilit jekk din ir-reputazzjoni testendix lil hinn mill-pubbliku li lejh din it-trade mark hija mmirata. F'dan ir-rigward, hija spjegat b'mod partikolari li, fil-fatt, huwa possibbli li l-pubbliku kkonċernat mill-prodotti jew is-servizzi li għalihom it-trade mark sussegwenti hija rreġistrata jagħmel assoċjazzjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti għalkemm dan ikun totalment distint mill-pubbliku kkonċernat mill-prodotti jew is-servizzi li għalihom it-trade mark preċedenti ġiet irreġistrata (ara s-sentenza Intel Corporation, iċċitata iktar 'il fuq, punti 52 u 53).

58 Għaldaqstant mis-sentenza Intel Corporation, iċċitata iktar 'il fuq, joħroġ ċar li, kuntrarjament għal dak li ssostni Ferrero, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'dik is-sentenza li r-reputazzjoni u l-karattru distintiv tat-trade mark preċedenti jikkostitwixxu fatturi rilevanti għall-evalwazzjoni mhux tax-xebh tat-trade marks kunfliġġenti, iżda tal-eżistenza ta' rabta bejniethom f'moħħ il-pubbliku kkonċernat.

59 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tieni parti tal-aggravju uniku

— L-argumenti tal-partijiet

60 Permezz ta' din it-tieni parti tal-aggravju uniku, Ferrero ssostni li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 55 sa 59 tas-sentenza appellata, wettqet żball ta' liġi meta evalwat il-probabbiltà ta' konfużjoni skont l-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 40/94, mill-perspettiva tax-xebh bejn it-trade marks kunfliġġenti biss u meta rrifjutat li teżamina l-fatturi l-oħra applikabbli li setgħu jkunu rilevanti sabiex jagħmlu tajjeb għall-possibbiltà ta' xebh dgħajjef tas-sinjali u, b'mod partikolari, ir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti fis-suq ikkonċernat.

61 Barra minn hekk, Ferrero ssostni li, l-affermazzjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punt 62 tas-sentenza appellata, li "n-nuqqas ta' xebh bejn is-sinjali inkwistjoni […] tant huwa evidenti li r-reputazzjoni tat-trade mark KINDER, indipendentement mill-fatt jekk hijiex inkontestata jew le, ma hijiex kapaċi tqiegħed f'dubju dan in-nuqqas ta' xebh" hija żbaljata, inkwantu r-reputazzjoni ta' trade mark għandha effett dirett fuq l-estensjoni tal-protezzjoni tagħha fir-rigward ta' xebh. Skont l-appellanti, trade mark li għandha reputazzjoni qawwija tikseb ukoll karattru distintiv qawwi ħafna. Konsegwentement, għandu jkun hemm differenzi sostanzjali sabiex wieħed jiddistingwi bejn trade mark sussegwenti u trade mark preċedenti li għandha reputazzjoni. Jekk isir paragun bejn iż-żewġ trade marks mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni r-reputazzjonijiet rispettivi tagħhom, dan jikkostitwixxi żball ta' liġi.

62 Ferrero ssostni wkoll li, jekk il-punt 62 tas-sentenza appellata għandu jiġi interpretat fis-sens li jfisser li kemm il-paragrafu 1(b) kif ukoll il-paragrafu 5 tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 40/94 jimplikaw l-eżistenza ta' livell minimu ta' xebh u li, jekk dan il-minimu ma jkunx intlaħaq, dan in-nuqqas ma jistax jiġi kkumpensat b'reputazzjoni

qawwija, din il-konklużjoni għandha wkoll tiġi miċħuda peress li din ma għandha l-ebda bażi ġuridika f'dan l-Artikolu 8. Ferrero tissottometti li, għall-kuntrarju, in-natura interdipendenti tax-xebh u tar-reputazzjoni, skont dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, tfisser li anki livell minimu ta' xebh jista' jkun ikkumpensat bir-reputazzjoni, u b'hekk tinħoloq rabta fis-sens tal-paragrafu 5 jew anki probabbilta' ta' konfużjoni fis-sens tal-imsemmi paragrafu 1(b).

63 Skont l-UASI, din it-tieni parti tal-aggravju uniku hija manifestament infondata. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza joħroġ li, jekk is-sinjali inkwistjoni huma differenti, ir-reputazzjoni eventwali tat-trade marks preċedenti ma twassalx għall-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet, peress li waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fihom ma ġietx sodisfatta. Din tapplika kemm għall-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, li jistabbilixxi li x-xebh bejn is-sinjali u l-prodotti hija kundizzjoni indispensabbli għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, kif ukoll għall-paragrafu 5 tal-istess artikolu, li jistabbilixxi li x-xebh tas-sinjali hija waħda mill-kundizzjonijiet indipendenti u kumulattivi li għandhom jiġu sodisfatti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

64 Kif tfakkar fil-punt [56] tas-sentenza preżenti, l-eżistenza ta' rabta bejn it-trade mark preċedenti u t-trade mark ikkontestata skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94 għandha, bħall-probabbiltà ta' konfużjoni skont il-paragrafu 1(b) tal-istess artikolu, tiġi evalwata b'mod globali, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha tal-każ, fosthom b'mod partikolari, il-livell ta' xebh bejn il-prodotti rrappreżentati b'dawn it-trade marks, kif ukoll l-intensità tar-reputazzjoni u l-livell ta' karattru distintiv, intrinsiku jew miksub permezz tal-użu, tat-trade mark preċedenti.

65 Minkejja li din l-evalwazzjoni globali timplika ċertu interdipendenza bejn il-fatturi meħuda inkunsiderazzjoni, livell dgħajjef ta' xebh bejn it-trade marks jista' jiġi kkumpensat minn karattru distintiv qawwi tat-trade mark preċedenti [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Waterford Wedgwood vs Assembled Investments (Proprietary) u UASI, C-398/07 P, punt 33], jibqa' l-fatt li, fin-nuqqas ta' kwalunkwe xebh bejn it-trade mark preċedenti u t-trade mark ikkontestata, l-għarfien jew ir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti, kif ukoll l-identiċità jew ix-xebh tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati ma humiex biżżejjed sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks inkwistjoni jew ta' rabta bejniethom f'moħħ il-pubbliku kkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2010, Calvin Klein Trademark Trust vs UASI, C-254/09, Ġabra p. I-7989, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 51 tas-sentenza preżenti, l-identiċità jew ix-xebh tat-trade marks inkwistjoni hija kundizzjoni neċessarja tal-applikazzjoni tal-Artikoli 8(1)(b) u 8(5) tar-Regolament Nru 40/94. Konsegwentement, dawn id-dispożizzjonijiet huma manifestament inapplikabbli meta l-Qorti Ġenerali tinjora kull xebh bejn it-trade marks kunfliġġenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Calvin Klein Trademark Trust vs UASI, iċċitata iktar 'il fuq, punt 68). Huwa biss fl-eventwalità fejn it-trade marks kunfliġġenti jkollhom xi xebh bejniethom, anki jekk dgħajjef, li l-imsemmija qorti tkun tista' twettaq evalwazzjoni globali sabiex tiddertemina jekk, minkejja l-livell dgħajjef ta' xebh bejn it-trade marks kunfliġġenti, teżistix, minħabba l-preżenza ta' fatturi oħra rilevanti, bħalma huma l-għarfien u r-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti, probabbilta' ta' konfużjoni jew rabta bejn it-trade marks f'moħħ il-pubbliku kkonċernat.

67 Issa, fil-punti 55 sa 59 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li ċertu numru ta' karatteristiċi viżivi u fonetiċi tas-sinjali inkwistjoni jeskludu li dawn ikunu jistgħu jiġu pperċepiti bħala simili.

68 F'dawn iċ-ċirkstanzi, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonkludiet, fil-punti 61 u 62 tas-sentenza appellata, li r-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti u x-xebh li jeżisti bejn il-prodotti tat-trade marks kunfliġġenti, anki jekk dawn ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni, ma għandhom ebda effett fuq l-evalwazzjoni tax-xebh li jeżisti bejn is-sinjali inkwistjoni, b'mod li huma ma jkunux jistgħu jikkonfutaw in-nuqqas ta' xebh ikkonstatat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2008, Gateway vs UASI, C-57/08 P, punti 55 sa 57).

69 Minn dan isegwi li t-tieni parti tal-aggravju għandha tiġi ddikjarata infondata.

Fuq it-tielet parti tal-aggravju uniku

— L-argumenti tal-partijiet

70 Permezz ta' din it-tielet parti tal-aggravju uniku, Ferrero ssostni li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 56 sa 58 tas-sentenza appellata, wettqet żball ta' liġi jew żnaturament tal-fatti li ġew imressqa quddiemha meta applikat, sabiex tevalwa x-xebh tas-sinjali inkwistjoni, regoli tal-provi żbaljati, infondati u li ma huma bbażati fuq l-ebda motivazzjoni.

71 Skont Ferrero, l-imsemmija regoli huma, l-ewwel nett, li meta l-elementi huma integrati, kull wieħed minnhom jitlef l-eżistenza awtonoma speċifika tiegħu. It-tieni nett, jekk sinjal figurattiv jikkonsisti fir-rappreżentazzjoni ta' żewġ elementi, b'wieħed

mqiegħed fiċ-ċentru fuq l-ieħor, il-punt konverġenti tas-sinjal ikun l-element li jkun imqiegħed l-iktar 'il fuq, billi din il-pożizzjoni ċentrali tista' tikkumpensa għal tipa ta' daqs iżgħar u inqas leġġibbiltà li tirriżulta mill-isfond tal-element imqiegħed fiċ-ċentru. It-tielet nett, meta sinjal ikun fih żewġ elementi, il-punt konverġenti tiegħu jkun l-ewwel minn dawn l-elementi. Ir-raba' nett, jekk sinjal ikun fih tliet elementi, l-element ċentrali jkun element negliġibbli.

72 L-UASI jsostni li t-tielet parti tal-aggravju uniku hija manifestament inammissibbli peress li ma tqajjem l-ebda kwistjoni ta' dritt u tillimita ruħha għall-kontestazzjoni tal-evalwazzjonijiet fattwali tal-Qorti Ġenerali, bi ksur tar-rekwiżiti tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

a) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

73 Preliminarjament, għandu jitfakkar li mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-appell huwa limitat għall-punti ta' dritt. Għaldaqstant, hija biss il-Qorti Ġenerali li hija kompetenti sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti kif ukoll il-provi ppreżentati quddiemha. L-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti u tal-provi għaldaqstant ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ ta' żnaturament tagħhom, kwistjoni ta' dritt suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Calvin Klein Trademark Trust vs UASI, iċċitata iktar 'il fuq, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata, Media-Saturn-Holding vs UASI, C-92/10 P, punt 27).

74 Madankollu, meta appellant jikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun saret mill-Qorti Ġenerali, il-punti ta' dritt eżaminati fl-ewwel istanza jistgħu jerġgħu jiġu diskussi mill-ġdid fl-appell (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, L & D vs UASI, C-488/06, Ġabra p. I-5725, punt 43).

75 Issa, permezz tat-tielet parti tal-aggravju uniku tagħha, Ferrero tilmenta li l-Qorti Ġenerali introdućiet, sabiex jiġi evalwat ix-xebh, regoli tal-provi impliċiti li ma humiex stabbiliti bir-Regolament Nru 40/94. Għalhekk, hija tfittex speċifikament li jiġu kkonstatati żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata.

76 Għaldaqstant, l-imsemmija parti għandha tiġi ddikjarata bħala ammissibbli.

77 Madankollu għandu jiġi kkonstatat li din il-parti ma hijiex ikkorroborata mill-fatti. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali għamlet, sabiex tasal għall-konklużjoni, fil-punt 59 tas-sentenza appellata, li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żbalji meta kkonstata n-nuqqas ta' xebh bejn is-sinjali inkwistjoni, evalwazzjoni konkreta tal-karatteristiċi viżivi u fonetiċi ta' dawn is-sinjali mingħajr ma introdućiet, kuntrarjament għal dak li ssostni Ferrero, regoli tal-provi ta' portata ġenerali.

78 Barra minn hekk, sa fejn Ferrero tallega żnaturament tal-fatti suġġetti għall-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, għandu jitfakkar li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 112(1) tar-Regoli tal-Proċedura ta' din tal-aħħar jobbligaw lill-appellant jindika b'mod preċiż l-elementi li ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali u juri l-iżbalji ta' analiżi li, fl-evalwazzjoni tagħha, wasslu lill-Qorti Ġenerali għal dak l-iżnaturament (ara, b'mod partikolari, is-sentenza

tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123, punt 50).

79 Issa, għandu jiġi kkonstatat li Ferrero ma tipproduċi l-ebda prova ta' natura li ssostni din l-allegazzjoni.

80 It-tielet parti tal-aggravju għandha għaldaqstant tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq ir-raba' parti tal-aggravju uniku

— L-argumenti tal-partijiet

81 Permezz ta' din ir-raba' parti tal-aggravju uniku, Ferrero ssostni li mill-ġurisprudenza jirriżulta li x-xebh, skont l-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 40/94, jista' jkun viżiv, fonetiku jew kunċettwali u li dawn l-aspetti ta' xebh għandhom jiġu eżaminati globalment. Issa, fil-punti 56 sa 58 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali għamlet, prinċipalment, evalwazzjoni mill-perspettiva viżiva, u sa ċertu punt, evalwazzjoni mill-perspettiva fonetika, b'enfasi kbir fuq kwistjonijiet marbuta, mar-rappreżentazzjoni grafika, bħalma huma l-pożizzjoni u t-tipi tal-ittri tat-tliet elementi li jinsabu fit-trade mark ikkontestata, kif ukoll l-isfond li fih huma jinsabu.

82 B'hekk, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li t-trade marks preċedenti, u b'mod partikolari t-trade marks Spanjoli, Franċiżi u Taljani rilevenati għall-element "KINDER", huma trade marks verbali li l-estensjoni tal-protezzjoni tagħhom ma hijiex influwenzata minn kwistjonijiet marbuta mar-rappreżentazzjoni grafika, bħalma huma l-pożizzjoni tal-elementi, it-tipa tal-ittri jew l-isfond li fih dawn l-elementi huma rrapreżentati.

83 L-UASI jsostni li r-raba' parti tal-aggravju uniku hija manifestament inammissibbli, peress li din ma tqajjem l-ebda kwistjoni ta' dritt u tillimita ruħha għall-kontestazzjoni tal-evalwazzjonijiet fattwali tal-Qorti Ġenerali.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

84 Preliminarjament, hemm lok li l-argument tal-UASI dwar l-inammissibbiltà tar-raba' parti tal-aggravju uniku jiġi miċħud. Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li huwa jsostni, l-imsemmija parti tindirizza kwistjoni ta' dritt, peress li tinvoka n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni min-naħa tal-Qorti Ġenerali tal-portata tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 40/94, inkwantu kellha tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tax-xebh tas-sinjali inkwistjoni, il-fatt li t-trade mark preċedenti hija trade mark verbali.

85 Fil-mertu, għandu jitfakkar li, sabiex jiġi evalwat il-livell ta' xebh eżistenti bejn it-trade marks ikkonċernati, għandu jiġi ddeterminat il-livell ta' xebh viżiv, ta' smigħ, u kunċettwali bejniethom u, fejn ikun xieraq, tiġi evalwata l-importanza li għandha tingħata lil dawn l-elementi differenti, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-kategorija ta' prodotti jew servizzi inkwistjoni u l-kundizzjonijiet li fihom jiġu kkummerċjalizzati (sentenza tat-12 ta' Ġunju 2007, UASI vs Shaker, C-334/05 P, Ġabra I-4529, punt 36).

86 Barra minn hekk, għandha ssir evalwazzjoni globali tax-xebh viżiv, ta' smigħ u kunċettwali bejn is-sinjali inkwistjoni, li fil-kuntest tagħha l-evalwazzjoni ta' xebh fonetiku eventwali hija biss waħda mill-fatturi rilevanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Marzu 2006, Mülhens vs UASI, C-206/04 P, Ġabra p. I-2717, punt 21).

87 Għalhekk kienet korretta l-Qorti Ġenerali meta eżaminat, fil-punti 56 sa 58 tas-sentenza appellata, l-impressjoni ġenerali prodotta miż-żewġ sinjali inkwistjoni, f'dak li jirrigwarda x-xebh eventwali tagħhom, kemm viżiv kif ukoll fonetiku.

88 Ir-raba' parti tal-aggravju uniku għandha għaldaqstant tiġi miċħuda bħala infondata.

89 Fir-rigward tal-kumplament, sa fejn hija intiża sabiex issir evalwazzjoni ġdida tal-fatti, din il-parti tal-aggravju hija, b'mod konformi mal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 73 tas-sentenza preżenti, inammissibbli peress li Ferrero ma invokat l-ebda żnaturament tal-fatti jew tal-provi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali.

Fuq il-ħames parti tal-aggravju uniku

— L-argumenti tal-partijiet

90 Permezz ta' din il-ħames parti tal-aggravju uniku, Ferrero ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma kkunsidratx, f'dan il-każ, l-eżistenza ta' grupp ta' trade marks peress li din ma hijiex rilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni tax-xebh.

91 Meta għamlet hekk, il-Qorti Ġenerali interpretat il-ġurisprudenza b'mod żbaljat peress li jekk, skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, l-eżistenza ta' grupp ta' trade marks iżżid il-probabbiltà ta' konfużjoni billi twassal lill-konsumatur sabiex jissoponi li t-trade mark ikkontestata tagħmel parti minn dan il-grupp, dan jiġri preċiżament minħabba x-xebh bejn it-trade mark ikkontestata, minn naħa, u l-grupp ta' trade marks, min-naħa l-oħra, jew, b'mod iktar speċifiku, minħabba l-element komuni għalihom (sentenza tat-13 ta' Settembru 2007, Il Ponte Finanziaria vs UASI, C-234/06 P, Ġabra p. I-7333, punt 63).

92 Barra minn hekk, Ferrero ssostni li l-eżistenza stess ta' grupp ta' trade marks iżżid il-probabbiltà li t-trade mark ta' terza persuna li tinkludi l-element komuni tal-grupp tiġi awtomatikament interpretata mill-konsumatur rilevanti bħala li tixbah lil dan l-element komuni.

93 Din ir-regola tapplika totalment għas-sitwazzjoni fejn it-trade mark ikkontestata tinkludi l-element "KINDER", li għandha reputazzjoni qawwija, inkwantu din it-trade mark hija mqabbla ma' grupp ta' 36 trade marks li kollha jinkludu l-istess element, waħdu jew flimkien ma' oħrajn.

94 L-UASI jsostni li l-ħames parti tal-aggravju uniku hija kemm inammissibbli kif ukoll manifestament infondata. Minn naħa, fil-fatt, il-kontestazzjoni tal-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li Ferrero ma tistax tibbaża ruħha fuq l-eżistenza ta' "grupp" ta' trade marks simili timplika evalwazzjoni fattwali mill-ġdid, li ma tistax issir fil-kuntest ta' appell. Minn naħa oħra, l-UASI jsostni li l-eżistenza eventwali ta' grupp ta' trade marks ma hijiex rilevanti fir-rigward tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, peress li din tista' toħloq tip partikolari ta' konfużjoni indiretta, inkwantu ġġiegħel lill-pubbliku jemmen li t-trade mark sussegwenti hija trade mark oħra li żdiedet ma' dawk ta' dan il-grupp. Madankollu, fir-rigward tal-paragrafu 5 tal-istess artikolu, dan l-argument ma għandux bażi legali, peress li l-konfużjoni fiha nfisha

ma hijiex rilevanti. Bl-istess mod, in-nuqqas ta' xebh bejn it-trade marks kollha tas-serje u s-sinjal ikkontestat huwa biżżejjed sabiex jeskludi b'mod ċert il-possibbiltà ta' probabbiltà ta' konfużjoni u ta' dannu jew vantaġġ indebitu.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

95 Preliminarjament, hemm lok li l-argument tal-UASI dwar l-inammissibbiltà tal-ħames parti tal-aggravju uniku jiġi miċħud. Fil-fatt, mill-argument ta' Ferrero jirriżulta li din tal-aħħar tintendi tinvoka n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni min-naħa tal-Qorti Ġenerali tal-portata tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, meta kkunsidrat li l-eżistenza ta' grupp ta' trade marks ma hijiex rilevanti fil-kuntest ta' evalwazzjoni tax-xebh.

96 Din il-parti tirrigwarda kwistjoni ta' dritt u, għaldaqstant, għandha tiġi ddikjarata ammissibbli.

97 Fil-mertu, għandu jitfakkar li mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-eżistenza ta' "grupp" jew "serje" ta' trade marks hija element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni. F'dan il-każ, fil-fatt, il-probabbiltà ta' konfużjoni tirriżulta mill-fatt li l-konsumatur jista' jkollu żball fir-rigward tal-provenjenza jew l-oriġini tal-prodotti jew tas-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u jqis, b'mod żbaljat, li dawn jagħmlu parti minn dan il-grupp jew serje ta' trade marks (sentenza Il Ponte Finanziaria vs UASI, iċċitata iktar 'il fuq, punt 63).

98 Madankollu, kif joħroġ mill-punt 52 tas-sentenza preżenti, dan l-element ma għandu l-ebda rilevanza fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-eżistenza tax-xebh bejn it-trade mark preċedenti u t-trade mark ikkontestata.

99 Konsegwentement, kif joħroġ mill-punt 66 tas-sentenza preżenti, huwa biss fl-eventwalità li t-trade marks kunfliġġenti jkollhom ċertu xebh li l-Qorti Ġenerali għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-evalwazzjoni b'mod globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni jew tar-rabta bejniethom, l-eżistenza ta' "grupp" jew "serje" ta' trade marks.

100 Issa, sa fejn il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 55 sa 59 tas-sentenza appellata, li ċertu numru ta' karatteristiċi viżivi u foneticì tas-sinjali inkwistjoni jeskludu li huma jistgħu jiġu interpretati bħala li huma simili, hija setgħet, mingħajr ma tagħmel żball ta' liġi, tikkunsidra, fil-punti 63 sa 66 tal-imsemmija sentenza, li din il-konstatazzjoni ma hijiex ikkonfutata mill-eżistenza ta' "grupp" jew "serje" ta' trade marks.

101 Konsegwentement, il-ħames parti tal-aggravju uniku għandha tiġi miċħuda bħala infondata u għaldaqstant, l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

102 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-appell għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq l-ispejjeż

103 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura tal-appell permezz tal-Artikolu 118 ta' dawn l-istess regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li Ferrero tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż kif mitlub mill-UASI.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Ferrero SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem